**DIĊEMBRU 2008** **NUMRU 238**



Il-Presidenza Ġenerali
Il-Membri tad-Direttorju u d-Diriġenti Ċentrali
jixtiequ jagħtu l-awguri sinċieri għall-Milied Qaddis
u s-Sena Ġdida mimlija riżq u barka
lid-Diriġenti Parrokkjali, Assistenti Ekklezjastiċi, lill-Membri kollha ta' l-Azzjoni Kattolika Maltija u l-Familjari, Benefatturi,
lill-Familja kbira tal-Morda u dawk b'Dizabilità
lill-Anzjani b'mod speċjali dawk tad-Dar Familja Mqaddsa, Naxxar u lil kulħadd.

# MADWARNA

**Laqgħa Ġenerali Straordinarja**. Qegħda nikteb din il-paġna ftit wara li temmejna l-Laqgħa Ġenerali Straordinarja li kellna f'Novembru, laqgħa ddedikata kollha kemm hi għal reviżjoni ta' l-Istatut. Irrid nirringrazzja lil dawk kollha li taw sehemhom, b'mod partikolari lil dawk li bgħatu proposti għall-emendi. Ilkoll segwejna b'attenzjoni lil kull min xtaq jagħti l-opinjoni tiegħu. Kien hemm ħin biżżejjed biex kull min jixtieq jitkellem tkellem. Ħadt gost bil mod pożittiv li bih intlaqa' l-istatut il-ġdid. Li jonqos issa hu li nippreżentawh lill-Arċisqof għall-kummenti u l-approvazzjoni tal-Konferenza Episkopali. L-Istatut jibda' jseħħ wara li tiġi din l-approvazzjoni.

Hemm domanda kbira biex inbiddlu l-istemma tagħna. Waqt li hi stemma artistika u maħbuba mill-membri, tirrifletti żmien passat. Ħafna jikkummentaw li waqt li l-Knisja neħħiet it-Tre Renju, aħna għadna nġibuha fuq l-istemma tagħna u dan jagħti l-impressjoni li ma aħniex qegħdin nimxu maż-żminijiet. Grupp ta' żgħażagħ qegħdin jaħdmu biex jipperfezzjonaw abbozz ta' l-istemma l-ġdida. Kif din tkun lesta aħna nibgħatuhielkom biex tkunu tistgħu tagħtuna l-opinjoni tagħkom fuqha.

**Konferenza dwar it-tarbija li se titwieled.** Nifirħu lis-Sur Tony Mifsud għas-sehem tiegħu fl-organizzazzjoni ta' din il-konferenza li saret mill-Moviment Malti dwar it-Tarbija li se Titwieled u mal-Fergħa Maltija tas-Soċjetà Dinjija għas-Sejħa Islamika. Din kienet konferenza importanti ħafna minħabba li n-numru ta' Islamiċi f'Malta qiegħed jikber u minħabba l-fatt li ħafna musulmani jaċċettaw l-abort. Id-deċiżjoni jekk il-musulmani li jgħixu f'Malta jaċċettawx l-abort jew le qegħda f'idejn l-Immam u tajjeb li ninfluwenzaw lil Islamiċi li jgħixu f'Malta biex huma jkunu kontra l-abort.

**Forum Day of Prayer.** Il-Fergħa tan-nisa organizzat laqgħa ta' talb taħt il-patroċinju tal-Forum Ekumeniku tan-Nisa Kristjani Ewropej. Din il-laqgħa, li kienet immexxija minn Fr. Hector Xerri, il-President il-ġdid tal-Kummissjoni Ekumenika, saret fil-Knisja ta' San Pawl ir-Rabat. Bħas-soltu kien hemm attendenza sabiħa minn nisa li jħaddnu reliġjonijiet ta' denominazzjoni Kristjana differenti bħal ma huma l-Anglikani, l-Għaqda tal-Knisja Skoċċiża, il-Knisja Evenġelika, il-Kongregazzjoni Metodista, il-Knisja Evanġelika tal-Ġermanja u l-Knejjes tat-Tradizzjoni tal-Lvant. Nifirħu lin-nisa ta' din l-inizjattiva.

**Laqgħa tal-Mexxejja taż-Ż.A.K.** Madwar 47 mexxej taż-Ż.A.K. ilkoll 'l fuq minn għoxrin sena, iltaqgħu għall-weekend sħiħ biex jiddiskutu l-programm tagħhom għal din is-sena. Din il-laqgħa saret għand il-Patrijiet Agostinjani tal-Pieta'.

**Preparazzjoni għall-Milied.** Spiss tisma' bl-ideja li ma għandniex niċċelebraw it-twelid ta' Kristu fil-Milied għax nistgħu noffendu lin-nies ta' reliġjonijiet oħra. Fil-fatt nies ta' reliġjonijiet oħra jiċħdu dan. Huma jsostnu li kull reliġjon għandha d-dritt li żżomm identita' tagħha u jgħidu li, li tiċħad lil xi reliġjon jew oħra li tiċċelebra l-festa tagħha tmur kontra l-ispirtu ta' djalogu bejn in-nies ta' reliġjonijiet differenti. Aħna għandna naħdmu biex nagħmlu l-memorja tat-twelid ta' Kristu ħajja l-unika raġuni ta' ċelebrazzjoni tal-Mulej.

**Joyce Pullicino, President Ġenerali**

# Attivitajiet ghax-xahar ta' Diċembru 2008

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ħamis 4 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30 |
| | *Fergħa Xebbiet* | Kunsill Ċentrali fis-18:00 |
| Il-Ħadd 7 | *Fergħa Xebbiet* | Irtir Ċentrali (Dettalji f'ċirkolari) |
| It-Tlieta 9 | Fergħa Nisa | Attivita' Soċjali Romol taċ-Ċirkoli kollha |
| L-Erbgħa 10 | Għalliema | Kors ta' Spiritwalità LaSaljana fil-17:30 |
| | Kumm Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni fis-18:00 l-Istitut Kattoliku, Floriana. |
| | Fergħa ŻAK | Promotion taż-ŻAK ġo l-iskola Carlo Diacono |
| Il-Ħamis 11 | Fergħa Nisa | Skola ta' l-Appostolat fid-9:30 fis-Sala Mons Gonzi<br>Wara - Bibita fis-Sala Dandria |
| | Fergħa Xebbiet | Laqgħa ta' Formazzjoni fis-18:00 Kelliem : Dun Karm Attard<br>Suġġett: 'San Pawl u t-Tagħlim tiegħu'.<br>Mistiedna: Membri u l-ħbieb |
| Il-Ġimgħa 12 | Direttorju | Laqgħa fis-18:00, Istitut Kattoliku,Floriana. |
| Is-Sibt 13 | Gruppi Koppji B'Buġia | Adorazzjoni bejn id-9:00 u 12:00 fil-Kappella ta' San Ġorġ – San Ġorġ B'Buġia ftit l-isfel mill-AL FRESCO (Parking faċċata ta' l-Al Fresco). Imexxi l-laqgħa Mons Paul Vella.<br>Suġġett : 'L-Għaqda taż-Żwieġ Hija Għaqda Qaddisa' – (Ef. Kap 5 Ver 21-33). Nibdew bil-Quddiesa – Coffee Break – Talk -. Prezz €3.00 kull persuna. |

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ħadd 14 | Kumm Ħidma Morda | Attività tal-Milied |
| It-Tnejn 15 | Fergħa Rġiel | Kunsill fil-17:30. Fis-18:00 Laqgħa Soċjali għal membri taċ-Ċirkoli. |
| L-Erbgħa 17 | Għalliema | Laqgħa tal-Kunsill fil-17:30. |
| Il-Ġimgħa 19 | Direttorju | Laqgħa fis-18:00, Istitut Kattoliku, Floriana. |
| Il-Ġimgħa 19-21 | ŻAK | Live in-ŻAK Tarxien 16 + |
| Il-Ħadd 21 | ŻAK | Support group tal-Milied |
| Il-Ġimgħa 26-4 ta' Jannar | ŻAK | Exchange ŻAK Birżebbugia ma' grupp mis-Slovakkia |
| Il-Ħadd 28 | ŻAK | Get together għal membri taż-ŻAK |

**Attivitajiet ghax-xahar ta' Diċembru 2008- Jannar 2009**

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ħamis 8 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30 |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00 |
| Is-Sibt 10 | Diriġenti Kollha | Tesserament f'Sala Dandria fis-18:00 |

**Radju Marija**

Infakkrukom li l-Programm ta' l-Azzjoni Kattolika "Mill-Ħuggiega" fuq Radju Marija jixxandar kull nhar ta Erbgħa bejn is-19:00 – 20:00 b'ripetizzjoni nhar ta' Ġimgħa mill-5:00 sas-6:00



**KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

***SOLIDARJETÀ*** Il-programm li tippreżenta l-Kummissjoni Ħidma Morda ta' l-A.K.M. ddedikat lill-Morda u Persuni b'diżabilità' SOLIDARJETA' qed jinstema' kull nhar ta' Ħadd fit-19:15 fuq Radju Malta u **MHUX** fit-20:30. Dawn huma d-dati tal-Programm għal Diċembru :- 7, 14, 21, 28.

***Awguri***

L-Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ħidma għall-Morda u Persuni b'Diżabilità jagħtu l-isbaħ xewqat ta' Milied Ħieni u Sena Ġdida mimlija b'kull barka lill-benefatturi kollha u b'mod speċjali lill-Morda u Persuni b'Diżabilità ta' Malta u Għawdex.

# SKOLA TA' L-APPOSTOLAT

Il-Ħamis, 11 ta' Diċembru 2008 fid-9:30 f'Sala Mons Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana.

Wara Bibita Fis-Sala Dandria

# Ħinijiet Tal-Ftuħ Tas-Segreterija Ta' l-Azzjoni Kattolika fl-Istitut Kattoliku - Floriana matul il-Ġranet tal Milied:-




24 ta' Diċembru jiftaħ sas-13:00

26 ta' Diċembru magħluq il-ġurnata kollha.

31 ta' Diċembru jiftaħ sas-13:00

Tessarament Ċentrali

Is-Sibt 10 ta' Jannar 2009 fis-18:00



Sala Mons Gonzi Istitut Kattoliku,Floriana

NIBDEW B'QUDDIESA LI FIHA JSIR IT-TESSERAMENT TAD-DIRIĠENTI ĊENTRALI WARA NAQSMU FLIMKIEN IX-XEWQAT TAJBA GĦAS-SENA L-ĠDIDA

**SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA**

**Quddiesa ta' Radd il-Ħajr u Laqgħa bejn il-Ħbieb**

**Il-Ħamis 11 ta' Diċembru 2008**

Bħal ma nagħmlu ta' kull sena fi żmien il-festi tal-Milied u l-bidu tas-sena l-ġdida, din is-sena wkoll, se norganizzaw Quddiesa ta' Radd il-Ħajr u laqgħa bejn il-Ħbieb u l-familjari sabiex, filwaqt li nirringrazzjaw lil Alla għal għajnuna tiegħu matul is-sena li għaddiet, niltaqgħu ftit bejnietna u nawguraw l-isbaħ xewqat lil xulxin.

Il-Quddiesa se noffruha b'suffraġju għal ruħ JANE SPITERI li tant ħadmet fis-SAS u fl-Azzjoni Kattolika.

Din il-laqgħa se ssir nhar il-Ħamis 11 ta' Diċembru 2008 fis-18:00 fis-Sala Mons. Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana.

**Kalendarju b'informazzjoni u Ħidma li qed titwettaq mis-S.A.S.**

Għadu kif ħareġ il-Kalendarju S.A.S. għas-Sena 2009 b'informazzjoni, programm u ħidma li qed titwettaq mill-istess S.A.S. ma' ħutna fil-bżonn. Min jixtieq aktar kopji ta' dan il-kalendarju jista' jċempel l-Uffiċċju Ċentrali.

**Uffiċċju S.A.S.**

L-Uffiċċju Ċentrali S.A.S. fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu dejjem hemm persuna responsabbli li tista' tiltaqa' ma persuni fid-diffikulta' jew lesta tgħin lill-voluntiera SAS tal-parroċċa. Dawn huma s-Sur Tony Mifsud, Mrs Linda Carabott, s-Sur Andre Vella (ikun preżenti filgħaxija t-Tlieta u l-Ġimgħa), Mrs Josette Spiteri, Mrs Rose Sammut, s-Sur Joe Rossi u Mrs Carmelina Bugeja.



**SERVIZZ BIL-MINIBUSES**

**Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunità**

Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile* No: 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikultà ċemplu l-Uffiċċju SAS: 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom





**TINSIEX IĠĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGHEK FIL-ĦUĠĠIEĠA GĦAS- SENA 2009**





**FIL-'BOOKSHOP' TA' L-AZZJONI KATTOLIKA – FLORIANA SA L-AĦĦAR TA' NOVEMBRU 2008**

**ABBONAMENT JISWA BIL-POSTA €6.00, MILL-'BOOKSHOP' €5.50.**

MIN JABBONA GĦAL HUĠĠIEGA BIL-POSTA HU ĠENTILMENT MITLUB JAGĦTINA L-KODIĊI POSTALI .




**ĠEJ IL-MILIED U QED TAĦSEB BIEX TIBDA TIXTRI L-KARTOLINI MELA EJJA SAL-'BOOKSHOP' U HEMMHEKK GĦANDEK ISSIB GĦAZLA SABIĦA TA' KARTOLINI TAL-MILIED!!!!**



# TRID TAGHTI RIGAL SPECJALI

# dan il-MILIED

## SOLUZZJONI WAHDA

# IL-BIBBJA

## ORDNA L-BIBBJA B'TIPA KBIRA F'4 VOLUMI

## GHALL PREZZ TA' EUR 60

## U TINGHATA RIGAL SABIH



*Biex tagħti rigal b'differenza dan il-Milied*
*fil-Librerija ta' l-Azzjoni Kattolika –*
*Istitut Kattoliku - Floriana*



*Wieħed isib:*
*Kull tip ta' kotba reliġjużi bil-Malti u bl-Ingliż – għall-kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjużi – statwi, ikoni, santi, stationery, rigali u ħafna affarijiet oħra.*

*Issibu wkoll kemm 'cards' tal-'VODAFONE ' kif ukoll tal-'GO''. Jistgħu jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.*

*Ħinijiet tal-Ftuħ: Matul il-Ġimgħa - mid- 9:00 sa 12:00*
*mill- 16:00 sas-19:30*
*is-Sibt – filgħodu biss*

*Tel: 21 237031*

*Għalhekk ixtri ir-rigali tiegħek minn din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.*